MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' April, 2013

Numru 343/2013

**Il-Pulizija**
**Spettur Jessica Grima**

**vs**

**David Chetcuti**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat David Chetcuti ta’ 36 sena, iben Carmel u Lucy nee’ Bezzina, imwieled il-Pieta’ nhar it-8 t’Awwissu, 1976 u residenti gewwa l-fond St. Mary House, Triq il-Palma, Mgarr u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 431276(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fil-Gzejjer Maltin, gewwa l-Mgarr u bnadi ohra, nhar it-8 t' April, 2013 u fil-granet ta' qabel, ghal habta tas-saghtejn u nofs ta' wara nofsinhar (14 :30hrs) :

1. B'eghmil zieni, kkorrompa persuna ta' taht l-eta' ;

2. Ghamel atti jew gesti oxxeni, jew offenda il-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika ;

3. Hebb kontra persuna sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor ;

4. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 9 ta' April 2013 (esebit a fol. 6 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tad-9 ta' April 2013 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-30 ta' April 2013 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, l-fatt li l-atti kommessi mill-imputat ma kienu jinvolvu ebda kuntatt fiziku mal-minuri, u kkunsidrat ukoll l-fatt li l-kundizzjoni medika tal-imputat li ghandu problemi psikjatrici u fic-cirkostanzi l-Qorti jidrilha li jkun fl-ahjar interess tas-socjeta’ in generali u tal-istess imputat li huwa jinghata l-kura mehtiega sabiex incidenti bhal dawn li jiffurmaw il-mertu tal-kaz odjern ma jergghux jirrepetu ruhhom.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 203, 338 (bb), 339(1)(d) u 338(dd) tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b’applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tpoggi lill-imputat taht Ordni ta’ Probation ghall-perijodu ta’ tlett(3) snin taht il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali l-Qorti tpoggi lill-imputat taht Treatment Order ghall-perijodu ta’ tlett(3) snin millum taht il-kura tal-psikjatra Dr. Joseph Cassar skond il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur Ghal Probation Services u Parole u lil Dr. Joseph Cassar.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------